

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell 1.8.2008
SEC(2008) 2367 finali

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

Reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 2037/2000 dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu

" Regolamentazzjoni aħjar mibnija fuq 20 sena ta' suċċess"

**Sintesi tal-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-proposta għal
Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sustanzi li jnaqqsu
s-saff tal-ożonu (riformulat)**

[COM(2008) 505 finali]
[SEC(2008) 2366]

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

Reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 2037/2000 dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu.

" Regolamentazzjoni aħjar mibnija fuq 20 sena ta' suċċess"

Sintesi tal-valutazzjoni tal-impatttal-

li takkumpanja l-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu (riformulat)tal-

[COM(2008) 505 finali]

[SEC(2008) 2366]

1. DAĦLA

Dan id-dokument jipprovdi sintesi eżekuttiva tal-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja r-riformulat tar-Regolament (KE) Nru 2037/2000 dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament")¹.

2. L-ISFOND

Is-saff tal-ożonu stratosferiku jipproteġi l-ħajja fuq id-dinja mir-radjazzjoni ultravjola dannuża mix-xemx. Fil-bidu tas-snin tmenin, ix-xjentisti osservaw tnaqqis sinifikanti fil-konċentrazzjoni tal-ożonu fl-istratosfera ta' fuq l-Antartiku, li sar magħruf bħala "it-toqba tal-ożonu". Fl-eqqel tagħha – matul ir-rebbiegħa fl-aħħar tas-snin disgħin – it-toqba tal-ożonu kienet l-iktaragħar madwar il-poli, għalkemm il-konċentrazzjonijiet kienu naqsu b'mod sinifikanti f'postijiet oħra wkoll. Iż-żieda fir-radjazzjoni UV għandha effett negattiv fuq il-bnedmin (kansers tal-ġilda u katarretti) u fuq l-ekosistemi.

Sa mill-1987, il-gvernijiet qablu dwar il-Protokoll ta' Montreal dwar Sustanzi li Jnaqqsu s-Saff tal-Ożonu, u b'hekk bdew it-tneħħija gradwali tas-sustanzi li jnaqqsu l-ożonu (ODS) fil-pajjiżi firmatarji kollha skond skeda stabbilita. Fl-2007, hekk kif il-Partijiet (inkluża l-Komunità Ewropea) iċċelebraw l-għoxrin anniversarju tagħhom mill-Protokoll ta' Montreal, dan issemma' bħala wieħed mill-iktar ftehimiet ambjentali internazzjonali ta' suċċess. Sa dak iż-żmien, il-191 Parti kollha kienu kisbu tnaqqis ta' 95 % fil-konsum tal-ODS meta mqabbel mal-linji ta' bażi li kienu ġew iffissati tal-². It-tnaqqis kien l-ogħla (99.2 %) fil-pajjiżi industrijalizzati u xi ftit inqas (80 %) fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw. It-tnaqqis inkiseb abbażi tal-l-iffriżar miftiehem tal-konsum u tal-produzzjoni u tnaqqis sussegwenti pass pass fl-limitu ta' żmien³.

Fl-aħħar rapport tiegħu, ippubblikat fl-2007, il-Panel tal-Valutazzjoni Xjentifika (SAP) stabbilit skond il-Protokoll ta' Montreal ikkonferma li s-saff tal-ożonu qiegħed bil-mod jirkupra bil-mod bis-saħħa tal-miżuri ta' kontroll introdotti mill-Protokoll - għalkemm minn 10 sa 15-il sena iktar tard minn kif kien stmat fir-rapport tiegħu tal-2002. Il-livelli medji u taż-żona Artika huma mistennija li jirkupraw sal-2050 u t-toqba tal-ożonu tal-Antartiku sa bejn l-2060 u l-2075.

Skond il-UNEP, il-kontrolli introdotti skond il-Protokoll ta' Montreal se jevitaw miljuni ta' kansers tal-ġilda fatali u għexieren ta' miljuni ta' kansers tal-ġilda mhux fatali u katarretti madwar id-dinja. L-awtoritajiet tal-Istati Uniti stmaw li iktar minn 6.3 miljun kanser tal-ġilda se jkunu evitati fl-Istati Uniti biss. Minbarra dan, il-kontrolli introdotti bil-Protokoll ta' Montreal se jgħinu biex jevitaw l-emissjonijiet tal-gass b'effett serra ekwivalenti għal iktar minn 100 biljun tunnellata ta' CO₂ bejn l-

¹ Ara SEC(2008) xxx u COM(2008) xxx


² L-Artikolu 1 tal-Protokoll ta' Montreal jiddefinixxi il-"Konsum" bħala l-produzzjoni flimkien mal-importazzjoni u mnaqqas l-esportazzjoni tas-sustanzi kontrollati.

³ Is-suċċess fit-tnaqqis fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw seħħ permezz tal-Fond Multilaterali li sa issa alloka madwar US\$2.4 biljun għat-trasferiment tat-teknoloġija u proġetti relatati l-kapaċità. L-iskedi għall-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw tipikament huma b'xi ftit lura minn dawk ta' pajjiżi industrijalizzati.

1990 u l-2010. Sal-2010, l-emissjonijiet tal-ODS ippeżati skond il-GWP se jkunu inqas minn 5 % tal-emissjonijiet tas-CO₂ globali previsti mqabbla ma' kważi 50 % fl-1990⁴.

3. IR-REGOLAMENT (KE) NRU 2037/2000 DWAR SUSTANZI LI JNAQQSU S-SAFF TAL-OŻONU

Ir-Regolament huwa l-istrument prinċipali tal-Komunitajiet Ewropej biex jimplimentaw il-Protokoll ta' Montreal. L-oqsfa tal-politika internazzjonali u tal-UE li jixxiebhu ħafna u li jsaħħu wieħed lill-ieħor għandhom storja ta' kisbietimpressjonanti, li turi t-tneħħija gradwali kważi sħiħa tal-produzzjoni u l-konsum tal-ODS ikkontrollati (ara l-figura hawn taħt).



Sal-illum, il-KE neħħiet b'mod gradwali iktar minn 99 % tal-konsum u l-produzzjoni bażi tagħha tal-ODS. Sal-2010 l-KE se tkun neħħiet għal kollox l-użijiet ikkontrollati tal-ODS, minbarra madwar 1200 tunnellata ODP fis-sena. Din il-figura ta' 1200 tunnellata tinkludi stima ta' 1000 tunnellata attribwiti għall-HCFCs irriċiklati jew irrekklamati li għandhom ikunu pprojbiti mill-2015, u b'hekk jibqa' inqas minn 200 tunnellata ODP fis-sena definiti bħala konsum skond il-Protokoll ta' Montreal (b'paragun mal-livelli bażi ta' konsum ta' 400 000 tunnellata). Barra minn hekk, "l-użi emissivi" li baqa' tal-ODS koperti bir-Regolament (iżda li għadhom mhux meqjusin bħala konsum skond il-Protokoll) se jitilgħu għal madwar 1 400 tunnellata ODP għall-perjodu ta' wara l-2010 (bis-suppożizzjoni li jinżammu l-livelli attwali fin-nuqqas ta' miżuri oħra). Il-produzzjoni tal-ODS fil-KE se tinżel għal inqas minn 4 000 tunnellata ODP fis-sena sal-2010 (b'paragun mal-livelli bażi ta' produzzjoni ta' 700 000 tunnellata).

⁴

Dawn il-kontribuzzjonijiet kbar għat-tibdil fil-klima huma minħabba l-potenzjal għoli ħafna tat-tisħin globali (GWP) tas-sustanzi li jnaqqsu l-ożonu (xi wħud minnhom huma iktar minn 14 000 darba iktar qawwija mis-CO₂).

4. IL-PROĊEDURA TAR-REVIŻJONI

Din ir-reviżjoni hija inkluża fil-Programm Leġislattiv u ta' Ħidma tal-Kummissjoni (CLWP) 2008 taħt it-titlu "Simplifikazzjoni". Il-preparazzjonijiet bdew fl-aħħar tal-2006 bit-tneġġja ta' sħarriġ estensiv tal-awtoritajiet tal-Istati Membri u aġenziji, kumpaniji, industrij u organizzazzjonijiet mhux governattivi oħra rilevanti. L-istħarriġ wera sodisfazzjoni ġenerali dwar l-effettività tar-Regolament. Il-kummenti ewlenin kellhom x'jaqsmu mal-komplessità tar-Regolament u xewqa għal simplifikazzjoni u kjarifika.

Abbażi ta' l-input imsemmi hawn fuq u sorsi oħra ta' esperti (pereżempju l-analiżi l-iktar reċenti u rakkomandazzjonijiet mill-Panel tal-Valutazzjoni Xjentifika, Teknika u Ekonomika tal-Protokoll ta' Montreal), l-għażliet politiċi u l-valutazzjonijiet tal-impatt assoċjati kienu identifikati u analizzati minn Jannar 2008 'l quddiem.

5. L-INDIRIZZAR TAL-PROBLEMI EWLENIN

Fir-rapport tiegħu tal-2007, il-Panel tal-Valutazzjoni Xjentifika tal-Protokoll ta' Montreal (SAP) wissa lill-Paritjiet li, minkejja s-suċċessi, hemm bżonn ta' viġilanza kontinwa biex tinżamm l-iskeda ġdida ppjanata għall-irkupru tas-saff tal-ożonu, li tikkunsidra wkolltal-inċertezzi li baqa', notevolment dwar l-impatt tat-tibdil fil-klima. L-isfidi ewlenin jinkludu l-bżonn li jitnaqqsu b'mod sinifikanti l-livelli attwali tal-użu eżentat sal-2015 (inkluż l-użu tal-bromur tal-metil għal raġunijiet ta' kwarantina u trattament ta' qabel it-trasbord), biex ikun żgurat li l-ODS "maħżun" fi prodotti u tagħmir ma jkunx rilaxxat fl-atmosfera u biex tkun evitata l-kummerċjalizzazzjoni ta' ODS ġodda (ara t-taqsim 6.3 hawn taħt). Fuq il-livell tal-UE, problemi addizzjonali jinkludu l-komplessità regolatorja u dik amministrattiva assoċjata magħha, u l-bżonn tal-konformità sħiħa mal-Protokoll ta' Montreal, filwaqt li jkun evitati r-riskji tal-kummerċ użu illegali tal-ODS. Wara r-rakkomandazzjonijiet tal-SAP u s-suġġerimenti għal titjib tal-partijiet interessati, flimkien mal-analiżi tal-Kummissjoni stess, ġew identifikati l-oġġettivi ġenerali u speċifiċi li ġejjin biex ikunu indirizzati l-problemi li baqa'.

L-oġġettiv ġenerali għal tul ta' żmien li r-reviżjoni għandha l-għan li tikseb jibqa' l-irkupru fil-ħin u l-protezzjoni sussegwenti tas-saff tal-ożonu biex ikunu evitati l-impatti negattivi, notevolment fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ekosistemi. L-oġġettivi assoċjati għal tul ta' żmien qasir u medju, madankollu, huma li jkun issimplifikat il-qafas regolatorju, filwaqt li fl-istess ħin jitnaqqas kwalunkwe piż amministrattiv żejjed, f'konformità mal-impenn tal-Kummissjoni biex tiżviluppa u timplimenta regolamentazzjoni aħjar.

Sabiex jitwettqu dawn l-oġġettivi ġenerali, kienu identifikati l-oġġettivi speċifiċi li ġejjin, notevolment biex jindirizzaw il-problemi deskritti hawn fuq filwaqt li jkomplu jibnu fuq il-punti ta' saħħa rikonoxxuti tar-Regolament.

- (1) Li tintlaħaq regolamentazzjoni aħjar u iktar sempliċi billi jitnaqqas il-piż amministrattiv:
 - (a) billi jkun iċċarat u ssimplifikat ir-Regolament;

- (b) billi jkun issimplifikat ir-rappurtar u l-piż amministrattiv assoċjat miegħu;
 - (c) billi jiġu aġġornati l-arranġamenti għall-eżenzjonijiet u l-proċessi amministrattivi assoċjati magħhom.
- (2) Li tkun żgurata konformità kontinwa permezz ta' implimentazzjoni sħiħa tal-Protokoll ta' Montreal kif emendat fl-2007 u infurzar aktar qawwi:
- (a) billi tkun implimentata d-Deċiżjoni XIX/6 biex taċċelera t-tneħħija gradwali tal-HCFCs,;
 - (b) billi tkun żgurata l-konformità tal-KE u jkun evitat il-kummerċ illegali u ta' ħsara.
- (3) Li jkunu indirizzati l-isfidi futuri billi jkunu affrontati ODS li għadhom mhux ikkontrollati skond il-Protokoll ta' Montreal:
- (a) ODS li jinsabu (jew li huma "maħżuna") fi prodotti u tagħmir;
 - (b) ODS ġodda u li jeżistu għal ftit żmien;
 - (c) l-użu tal-bromur tal-metil għal raġunijiet ta' kwarantina u trattament ta' qabel it-trasbord.

6. GĦAŻLIET POLITIĊI U L-IMPATT TAGĦHOM

Abbażi tal-inputimsemmi hawn fuq u ta' sorsi oħra ta' esperti (pereżempju l-analiżi l-iktar reċenti u rakkomandazzjonijiet mill-Panel tal-Valutazzjoni Xjentifika, Teknika u Ekonomika tal-Protokoll ta' Montreal) kienu identifikati u analizzati firxa wiesgħa ta' għażliet politiċi u l-valutazzjonijiet tal-impatt assoċjati. Ingħatat attenzjoni xierqa sabiex tkun esplorata l-iktar firxa wiesgħa possibbli ta' għażliet għas-simplifikazzjoni biex titjieb iċ-ċarezza u għalhekk, fl-aħħar mill-aħħar, l-implimentazzjoni tar-Regolament filwaqt li jitnaqqas kwalunkwe piż amministrattiv żejjed. B'attenzjoni għal dan tal-aħħar, ir-reviżjoni kkunsidrat ukoll miżuri mhux regolatorji, pereżempju l-possibilità li jkunu ssimplifikati l-proċeduri ta' rappurtar u monitoraġġ tal-ODS.

L-għażliet li r-Regolament jitħalla kif inhu (operat bħas-soltu) jew anke li jitneħħa kienu kkunsidrati sew iżda kienu miċħuda, fost l-oħrajn fuq il-bażi li jpoġġu lill-KE f'pożizzjoni ta' nuqqas ta' konformità mal-Protokoll ta' Montreal u ma jħalluhiex tkompli ssegwi l-għan tagħha ta' simplifikazzjoni.

L-analiżi kopriet tliet kategoriji wiesgħa ta' miżuri politiċi deskritti hawn taħt.

1. L-ewwel kategorija importanti ta' għażliet politiċi li ħarġet kellha x'taqsam mal-objettiv tas-simplifikazzjoni, il-bini fuq il-progress li sar s'issa dwar it-tneħħija gradwali tal-ODS u l-opportunitajiet biex jitneħħew id-dispożizzjonijiet li skadew. L-għażliet ewlenin li intgħażlu jinkludu:

- it-tneħħija tad-dispożizzjonijiet u l-proċeduri assoċjati magħhom li għandhom x'jaqsmu mal-użijiet essenzjali tas-CFCs, l-użijiet kritiċi tal-bromur tal-metil u eżenzjonijiet oħra għas-CFCs u l-HCFCs;

- is-simplifikazzjoni dwar il-limitu tal-użu tal-bromur tal-metil għal raġunijiet ta' kwarantina u trattament ta' qabel it-trasbord (QPS) filwaqt li jitnaqqsu l-limiti kwantitattivi minn 607 tunnellata ODP għal-livell attwali ta' massimu ta' 300 tunnellata;
- is-simplifikazzjoni tar-rappurtar (talba rikorrenti mill-Istati Membri), għalkemm ma tantx kien hemm lok għal tibdil billi l-parti l-kbira tal-obbligi ta' rappurtar, jekk mhux kollha, ġejjin mill-Protokoll iktar milli mir-Regolament;
- it-tneħħija ta' eżenzjonijiet li jimponu spejjeż amministrattivi sinifikanti fuq għadd żgħir ta' partijiet u jagħtu benefiċċji żgħar;
- l-iċċarar ta' definizzjonijiet u titjib ieħor ta' abbozzar legali, biex b'hekk (flimkien mal-miżuri preċedenti) jilhqgħu t-talba magħmula minn ħafna partijiet interessati għal att legali iktar sempliċi u iktar strutturat.

Dan il-pakkett ta' għażliet għas-simplifikazzjoni hu mistenni li jwassal għal tfaddil kumulattiv fl-ispejjeż amministrattivi li huma stmati qrib l-€4 miljuni għall-perjodu sal-2020. L-impatt ambjentali assoċjat miegħu qed jiġi kkunsidrat bħala wieħed pożittiv (għalkemm żgħir u diffiċli jkun ikkwantifikat), billi r-Regolament rivedut huwa mistenni li jkun eħfef biex ikun implimentat u infurzat, inkluż għall-SMEs. Għall-istess raġuni, huwa mistenni qliġ ekonomiku dirett nett żgħir għall-industrija u l-utenti ta' ODS, notevolment għall-SMEs li għandhom inqas aċċess għall-għarfien speċjalistiku għall-implimentazzjoni tar-Regolament.

2. It-tieni kategorija ta' għażliet ħarġet mill-bżonn li tkun żgurata konformità kontinwa mal-Protokoll ta' Montreal. L-għażliet ippreferuti jinkludu:

- li d-data tat-tneħħija gradwali kompluta tal-produzzjoni tal-HCFCs titressaq 'il quddiem mill-2025 għall-2020 biex ir-Regolament ikun allinjat mad-Deċiżjoni reċenti XIX/6 biex tkun aċċellerata t-tneħħija gradwali kompluta tal-HCFCs;
- li jkun issimplifikat u msaħħaħ l-infurzar tar-Regolament biex jevita l-kummerċjalizzazzjoni u l-użu illegali tal-ODS fl-UE, bl-għajnuna ta' dispożizzjonijiet iktar effettivi dwar ir-rekwiżiti tal-ispezzjonijiet tal-Istati Membri (jiġifieri l-ispezzjoni ma tibqax "każwali" iżda ssir "ibbażata fuq ir-riskji"), rekwiżiti ta' ttikkettar meqjusa biex tkun evitata l-kummerċjalizzazzjoni illegali (ukoll fi ħdan l-UE) u miżuri magħżula biex iżidu l-monitoraġġ tal-importazzjoni u l-esportazzjoni tal-ODS.

Dawn l-għażliet politiċi għandhom jevitaw spejjeż amministrattivi eċċessivi u jiżguraw konformità kontinwa mal-Protokoll ta' Montreal, notevolment billi jipprevjenu l-kummerċjalizzazzjoni illegali, b'hekk jolqtu wkoll it-tħassib li qajmet l-industrija waqt l-istħarriġ.

3. Biex ikun żgurat li l-isfidi li baqa' jistgħu jkunu indirizzati b'mod adegwat fil-futur, saret enfażi fuq dawn it-tliet oqsma li ġejjin:

- (a) Ir-rilaxx fl-atmosfera ta' emissjonijiet ODS/GHG "maħżuna" – Minħabba li l-Protokoll kien qed jiffoka fuq il-projbizzjoni gradwali tal-produzzjoni u l-konsum tal-ODS, ammonti sinifikanti ta' ODS jibqgħu merfugħa jew "maħżuna" fi prodotti u tagħmir (pereżempju ffowm ta' insulazzjoni,

refriġeranti u sistemi tal-arja kondizzjonata). Meta jkun ikkunsiddrat il-potenzjal għoli ta' tisħin fil-klima (GWP) ta' dawn l-ODS maħżuna, in-nuqqas ta' rkupru u fl-aħħar mill-aħħar il-qerda tagħhom ukoll joħolqu riskji sinifikanti ta' tisħin fil-klima. Fl-2010, il-ħażniet ta' ODS fl-UE tista' tammonta għal madwar 700 000 tonnelltata ODP (5 biljun tonnelltata ta' CO_{2eq}), għalkemm l-esperti jammettu li hemm livell għoli ta' inċertezza minħabba d-dejta ta' kejl limitata disponibbli. L-emissjonijiet jistgħu potenzjalment jammontaw għal madwar 24 000 tonnelltata ODP (jew 170 miljun tonnelltata ta' CO_{2eq}) fis-sena matul il-perjodu 2005-15⁵. Għadd ta' miżuri biex ikunu ssikkati d-dispożizzjonijiet dwar l-irkupru u l-qerda tal-ODS fi prodotti u tagħmir huma proposti għall-inklużjoni fir-Regolament. Dawn jistgħu jwasslu għall-benefiċċji ambjentali sa massimu ta' 14 000 tonnelltata ODP, jew 112 miljun tonnelltata ta' CO_{2eq}, fuq għaxar snin. Barra min dan, l-implimentazzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart tal-UE u d-Direttiva dwar Skart ta' Tagħmir Elettriku u Elettroniku ("WEEE") qegħdin jittejjbu biex jinqabdu l-emissjonijiet ODS/GHG, li potenzjalment iwasslu għall-benefiċċji addizzjonali sa massimu ta' 34 000 tonnelltata ODP (270 miljun tonnelltata ta' CO_{2eq}). Barra minn hekk, meta tkun ikkunsidrata l-varjabilità wiesgħa ta' spejjeż għall-prodotti differenti (li jvarjaw minn €4.5 għall-qerda sempliċi sa €100 għal kull kilo ta' ODP għall-irkupru u l-qerda ta' ODS fil-fowm għall-insulazzjoni), l-azzjoni ta' segwitu se tiffoka fuq inċentivi intelliġenti u meqjusa biex jiżdied (b'mod sinifikanti) il-volum ta' prodotti u tagħmir ippreżentat għall-irkupru u r-riċiklaġġ jew għall-qerda⁶.

- (b) Il-kummerċjalizzazzjoni ta' ODS ġodda – Ir-rapport tal-2007 mill-Panel tal-Valutazzjoni Xjentifika mwaqqaf skond il-Protokoll wera evidenza xjentifika għida li l-ODP ta' ċerti sustanzi kimiċi li bħalissa mhumiex ikkontrollati mill-Protokoll (pereżempju nPB) huwa sostanzjalment oġġla u rrakkomanda lill-Partijiet biex jikkunsidraw ċerti miżuri ta' kontroll biex ikun evitat li jintlefi l-progress li sar s'issa. Attwalment, l-emissjonijiet ta' ODS ġodda fil-KE huma stmati li jammontaw għal inqas minn 300 tonnelltata ODP fis-sena. Kienu proposti miżuri ta' prekawzjoni fil-forma ta' elenkar ta' ODS ġodda f'Anness għar-Regolament (pereżempju bbażati fuq ir-rivelazzjonijiet tal-kumpaniji skond ir-REACH) u r-rekwiżit għall-produtturi u l-importaturi ta' ODS bħal dawn biex jirrapportaw il-volumi kkummerċjalizzati biex tkun evitata l-espansjoni tas-swieq li jkun hemm bżonn tkun indirizzata iktar tard. Għalkemm dawn il-miżuri huma effettivi biex iżidu l-għarfien fost il-konsumaturi tal-ODS, mhumiex mistennija li jkollhom impatt ekonomiku sinifikanti fuq l-industrija, li hija mistennija li tkompli tnaqqas l-użu tal-ODS.
- (c) It-tnaqqis fl-użu tal-bromur tal-metil għal attivitajiet tal-QPS – Meta jkun ikkunsidrati li l-bromur tal-metil huwa sustanza tossika li tikkawża perikli sinifikanti għas-saħħa (u għaldaqstanti r-Regolament diġa' huwa iktar iebes mill-Protokoll), l-għażla ppreferuta hija li l-irkupru jsir mandatarju sal-2015 u minn hemm 'il quddiem is-sustanza titneħħa gradwalment. Din il-miżura tagħti

⁵ Il-kalkoli nħarġu mill-estrapolazzjoni tal-awqa l-kalkoli globali disponibbli li jinsabu fir-rapport TEAP tal-2005, skond liema l-ħażniet globali jilhqgħu t-3.5 miljun tonnelltata ODP (20 biljun tonnelltata ta' CO_{2eq}) fl-2002 b'estimi li juru 2 miljun tonnelltata ODP għall-2015 (13.4 biljun tonnelltata ta' CO_{2eq}).

⁶ Pereżempju l-istandards marbuta ma' sistemi ta' offset jew depożitu, l-iffinanzjar tal-qerda mill-fondi reġjonali, eċċ.

lok għal fażi ta' tranżizzjoni, fejn alternattivi bħal ma hu t-trattament bis-sħana probabbilment ikunu iktar kompetittivi f'ħafna sitwazzjonijiet, segwita minn tneħħija gradwali meta jkunu disponibbli iktar alternattivi. L-ispiża totali għall-industrija tkun ta' €9.5 miljuni matul il-perjodu 2010-2020, bl-iffrankar tal-ekwivalenti ta' 2000 tunnellata ODP ta' bromur tal-metil.

7. KONKLUŻJONIJIET

L-għażliet politiċi proposti jirriflettu impenn qawwi għal regolamentazzjoni aktar sempliċi u aħjar ibbażata fuq analiżi soda. Dan il-pakkett għandu jwassal għal test regolatorju ssimplifikat b'mod sinifikanti waqt li fl-istess ħin joffri garanziji biex jiżguraw u jikkonsolidaw il-progress li sar s'issa dwar it-tneħħija gradwali tal-ODS. Għalkemm it-tneħħija gradwali li kienet ta' suċċess diġà naqqset il-piż amministrattiv assoċjat mal-implimentazzjoni tar-Regolament, tfaddil net addizzjonali għall-pakkett totali (wara li jkunu kkunsidrati wkoll il-ftit miżuri li jistgħu jwasslu għal żiediet fl-ispejjeż amministrattivi) se jammonta għal kważi €3 miljuni, b'madwar €2 miljuni jmorru għall-industrija, € 0.7 ta' miljun għall-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-bqija għall-Kummissjoni Ewropea. Il-pakkett mhux se jwassal għal żieda ta' spejjeż diretti netti sinifikanti. L-impatt ekonomiku dirett addizzjonali kumulattiv huwa mistenni li jibqa' inqas minn €13-il miljun, prinċipalment relatat ma' miżuri biex jitnaqqas l-użu tal-bromur tal-metil għal raġunijiet tal-QPS⁷. Is-simplifikazzjoni għandha tkun partikolarment ta' benefiċċju għall-SMEs li għandhom inqas aċċess għall-għarfien speċjalistiku għall-implimentazzjoni tar-Regolament.

Il-benefiċċji ambjentali l-iktar tanġibbli mill-pakkett huma relatati mat-tnaqqis fil-konsum u ż-żieda fl-irkupru li prinċipalment jiġu mill-azzjonijiet ta' politika dwar il-ħażniet u l-attivitajiet tal-QPS. Dawn jistgħu jammontaw għal qligħ nett ta' 16 000 tunnellata ODP, jew 112-il miljun tunnellata ta' CO_{2eq}⁸. Spjegazzjoni ulterjuri f'termini ta' tnaqqis fir-riskju tal-kanser mhijiex sinifikanti meta wieħed jikkunsidra l-kwantitajiet żgħar involuti meta mqabbla mal-iskala globali tal-problema, u l-inċertezz kbar dwar il-funzjoni ta' doża-reazzjoni li tassoċja unità ta' tunnellata ODP mal-impatti finali fuq is-saħħa ambjentali u tal-bniedem. Dan it-tnaqqis nett fl-emissjonijiet tal-ODP, madankollu, għandu jagħti kontribut għat-tnaqqis tar-riskju li s-saff tal-ożonu jonqos iktar, filwaqt li jwassal ukoll għal benefiċċji reali fit-tibdil tal-klima. Id-dettalji, inkluża lista sħiħa tal-għażliet kollha kkunsidrati u l-impatt tagħhom (inklużi l-għażliet li ġew irrifjutati), huma disponibbli fil-valutazzjoni tal-impatt sħiħa.

Għandha tiżdied l-azzjoni biex finalment l-użu tal-ODS jitneħħa gradwalment tal-tal-fejn huwa mistenni li alternattivi se jkunu disponibbli dalwaqt. Azzjonijiet bħal din hija deskritta fil-Komunikazzjoni li takkumpanja l-proposta għat-tfassil mill-ġdid tar-Regolament. Fl-istess ħin, bħala segwitu għal din ir-reviżjoni, il-Kummissjoni għandha taħdem mill-qrib mal-Istati Membri biex tindirizza il-kwistjonijiet prinċipali

⁷ L-ispejjeż jistgħu ikunu inqas b'mod sinifikanti jekk tkun ikkunsidrata d-deċiżjoni li probabbilment se tittehd biex titneħħa r-reġistrazzjoni tal-Bromur tal-Metil għal raġunijiet ta' saħħa.

⁸ F'termini tal-potenzjal tat-tiħin globali, Sn huq WKQIClwnri fhL MsqE 2% tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-1990. Għal komparazzjoni biss, it-tnaqqis huwa ekwivalenti għal 1/10 mit-tnaqqis neċessarju biex tintleħaq il-mira tal-2020 li jonqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra b'20% skond il-pakkett tal-klima u l-enerġija.

li baqa' tal-ODS maħżuna. Azzjoni bħal din tista' twassal għal benefiċċji ambjentali addizzjonali sinifikanti. Bl-istess mod, il-Kummissjoni se taħdem mill-qrib mal-Istati Membri u Partijiet oħra fil-Protokoll biex tnaqqas l-użijiet tal-li baqa' tal-ODS, notevolment dawk relatati mal-attivitajiet tal-QPS, u biex tevita l-kummerċjalizzazzjoni ta' ODS ġodda.